**30 ta' Marzu, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Elia Borg Bonaci

*versus*

Florentina Felice Gay

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Kwistjoni ta' Dritt — Appell — Ritrattazzjoni — Rapport tal-Membri Tekniċi.**

*Hu ferm importanti illi d-deskrizzjoni tal-fond mill-membri tekniċi tal-Bord tal-Kera tkun akkurata, u l-partijiet għandhom ikollhom l-opportunità li jikkontrollaw id-deskrizzjoni li jagħmlu dawk il-periti qabel ma' l-Bord jagħti d-deċiżjoni tiegħu. Imma, b'dan kollu, in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-preċetti ma jistgħax jiġi kunsidrat bħala punt ta' dritt deċiż fis-sentenza tal-Bord li jirrendi dik is-sentenza appellabbli.*

*Mhux aċċettabbli l-argument illi deċiżjoni tal-Bord bażata fuq deskrizzjoni skorretta tal-fond mill-membri tekniċi hija l-effett ta' żball riżultanti mill-atti, u li għalhekk dik is-sentenza hi suġġetta għar-ritrattazzjoni, u illi, għax suġġetta għar-ritrattazzjoni hija appellabbli la darba l-fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni ġie a konoxxenza tal-parti qabel l-għeluq taż-żmien tal-appell; għax dak l-argument jassumi illi kien hemm "dritt tal-appell" u "żmien għall-appell", mentri hu appuntu dan li jonqos. Il-fatt li talvolta l-parti jkollha dritt għar-ritrattazzjoni ma jfisserx illi hija jkollha dritt għall-appell. U r-regola illi persuna aggravata bis-sentenza tal-prima istanza ma tistgħax, biex timpunjaha, tirrikorri għar-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni meta hija kienet taf bil-fattijiet li jagħtu lok għar-ritrattazzjoni fiż-żmien mogħti għall-appell, u ntant naqset li tirrikorri għal dak ir-rimedju ordinarju tal-appell, ma tgħoddx meta r-rimedju ordinarju tal-appell hu mil-liġi eskluż.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jiġi awtorizzat jirriprendi pussess tal-fond no. 70, magħruf anki bl-isem "Villa Ambrosa", Trieq Villambrosa, Ħamrun, billi jridu għalieh biex jabita fih bil-familja tiegħu;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni ta' dak il-Bord tat-18 ta' Jannar 1962. li biha ddeċieda billi laqa' t-talba, purkè jkun hemm "available" għall-intimata l-fond 64 St. John Street, Ħamrun, bil-kera ta' £30 fis-sena u b'terminu ta' għaxar snin bħala terminu favur l-intimata, jew sakemm iddum ħajja, skond liema żmien ikun l-itwal, ammenokkè l-intimata ma tridx tieħu l-fond l-ieħor f'St. Vincent Street, Ħamrun, bil-kera ta' £25 fis-sens, u bl-istess terminu ta' għaxar snin jew sakemm iddum ħajja, bħal ma offra r-rikorrent għall-fond l-ieħor; u għall-fini tal-iżgumbrament ta' żmien ta xahrejn mid-data tad-deċiżjoni; bl-ispejjeż bla taxxa; wara li kkunsidra;

*Omissis;*

Ir-rikorrent offra żewġ fondi għax-xelta tal-intimata bħala "alternative accomodation": wieħed "Tony" bla numru, St. Vincent Street, Ħamrun; u l-ieħor 64 St. John Street Ħamrun ukoll;

*Omissis;*

Fil-fehma tal-Bord, l-ewwel fond mhux "suitable" bħala daqs, imma t-tieni wieħed huwa "suitable" tant bħala daqs kemm bħala sura, meħud ukoll in konsiderazzjoni n-numru ta' familja bit-tfal tal-intimata . . . . . . .

Rat ir-rikors li bih l-intimata appellat minn dik id-deċiżjoni u talbet li tiġi revokata, u t-talba tal-appellat tiġi miċħuda; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Quddiem il-Bord ġew offerti lill-appellanti żewġ postijiet bħala "alternative accomodation", wieħed li jismu "Tony" bla numru, f'St. Vincent Street, Ħamrun, u l-ieħor 64 St. John Street, Ħamrun ukoll. L-ewwel wieħed ġie kunsidrat mill-Bord bħala mhux "suitable" bħala daqs, iżda it-tieni wieħed ġie kunsidrat "suitable" tant bħala daqs kemm bħala sura, meħud anki f'konsiderazzjoni n-numru ta' familja bit-tfal tal-appellanti. Il-Bord qal hekk:— "L-intimata (f'dan il-post) għandha kumditajiet biżżejjed fil-pjan terren, u b'hekk tkun tista' tevita t-taraġ. Il-pjan ta' fuq hu "suitable" għat-tifla miżżewġa. Ma jirriżultax illi l-fond hu nieqes mill-arja, għalkemm ma għandux ġnien";

Issa, l-ilment tal-appellanti, kif espress fir-rikors tal appell (u dan hu l-uniku punt li fuqu hu bażat l-appell), hu illi b'dan il-mod kien hemm apprezzament ħażin da parti tal-Bord tas-"suitability" tal-pjan terren għall-appellanti, u f'dan l-apprezzament il-Bord ġie żvijat mid-deskrizzjoni tal-fond magħmula mill-membri tekniċi. Dawn id-deskrivew l-ambjent markat "X" fil-pjanta annessa mar-rikors bħala "kamra", mentri, l-appellanti tissottometti. dan l-ambjent mhux ħlief sempliċi passaġġ, li ma jistgħax iservi bħala kamra tas-sodda, wisq anqas għall-appellanti li hi mara marida, li trid tgħaddi l-parti l-kbira ta' ħajjitha fis-sodda. Kwindi, tgħid l-appellanti, id-deċiżjoni tal-Bord hi bażata fuq prova falza;

Mill-imsemmija pjanta donnu jidher illi l-ilment tal-appellanti bħala fatt hu fondat; għaliex l-imsemmi ambjent, bla bibien, passaġġ għall-kċina u kommunikanti direttament magħha, ma jidherx li jista' jkun adattat għal mara marida gravement b'qalbha, b'attakki kważi ta' kulljum ta' "angina pectoris", li għandha bżonn ħafna arja, kostretta li tgħaddi l-parti l-kbira ta' ħajjitha fis-sodda, speċjalment fix-xitwa bil-"heaters" ħdejha u biss rarament toħroġ mid-dar. Ċertament, id-deskrizzjoni tal-periti ta' dan l-ambjent bħala "kamra" u xejn iżjed, speċjalment meħud rigward tax-xorta tal-kwistjoni fil-każ, ma hi xejn soddisfaċenti;

Il-Qorti ġa kellha okkażjoni drabi oħra li tirrileva

kemm hu mportanti illi d-deskrizzjoni tal-membri tekniċi tkun akkurata; u tapprezza l-ilment tal-appellanti, illi bil-prattika li qegħdha tiġi segwita l-partijiet mhux ikollhom l-opportunità li jikkontrollaw dik id-deskrizzjoni qabel ma l-Bord jagħti d-deċiżjoni;

B'dan kollu, però. din il-Qorti ma jidhrilhiex, in bażi għall-ġurisprudenza, li tista' tikkunsidra din il-kwistjoni bħala li t'rrigwarda punt ta' dritt deċiż fid-deċiżjoni tal-Bord li jagħti lok għall-appell;

Waqt it-trattazzjoni, l-avukat tal-appellanti ssottometta illi dan hu każ fejn, skond l-art. 814(e) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, hemm lok ta' ritrattazzjoni, inkwantu li d-deċiżjoni tal-Bord kienet l-effett ta' żball li jidher mill-attijiet tal-kawża. U kompla jgħid illi, ġa ladarba l-fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni ġie għak-konoxxenza tal-appellanti qabel l-għeluq taż-żmien għall-appell, allura hi għandha dritt għall-appell skond l-art. 815;

Fil-fehma tal-Qorti, però dan l-argument ma jistgħax jiġi aċċettat. L-argument jassumi illi kien hemm "dritt ta' appell" u "żmien għall-appell", mentri hu appuntu dan li jonqos. Hawn si tratta ta' liġi speċjali li tillimita l-appell mid-deċiżjonijiet tal-Bord għall-każijiet biss fejn ikun ġie deċiż ħażin punt ta' liġi; inveċe, id-deċiżjoni appellata, fil-parti li dwarha tilmenta l-appellanti, ma għamletx, kif ġa ntqal, ħlief apprezzament ta' fatt. ankorkè żbaljat. Il-fatt illi l-appellanti tista' talvolta għandha (fuq dan il-Qorti m'hi qegħdha tesprimi ebda opinjoni) ir-rimedju tar-ritrattazzjoni, ma jfisserx illi hi għandha dritt ta' appell. Taħt il-liġi ordinarja, fejn bħala regola d-dritt tal-appell hu ġenerali, hu naturali illi persuna aggravata bis-sentenza tal-prima istanza ma tistgħax tirrikorri, biex timpunjaha, għar-rimedju straordinarju tar-ritattazzjoni meta hi kienet taf bil-fattijiet li jagħtu lok għar-ritrattazzjoni fiż-żmien mogħti għall-appell u b'dan kollu naqset li tirrikorri għal dak ir-rimedju ordinarju. Iżda dan ma jistgħax jgħodd meta r-rimedju ordinarju tal-appell hu eskluż mil-liġi (Kollez. Vol. XXV-I-142);

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-

eċċezzjoni tal-inappellabbilità, u tiddikjara l-appell irritu u null; bl-ispejjeż kontra l-appellanti; salv kull rimedju ieħor li hi jista' jkollha skond il-liġi.